A.L. 56 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IL-HARSIEN TA' L-AMBJENT

(ATT NRU. XX TA' L-2001)

Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-2001 biex Iħares l-Ambjent, u tar-regolament 1 tar-Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-regolamenti li jemendaw" il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent stabbilixxa l-1 ta' Frar, 2003 bħala d-data meta r-Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, għandhom jibdew iseħħu, minbarra l-paragrafu (3) tar-regolament 2B ġdid, imdaħħal bir-regolament 3 tar-regolamenti li jemendaw, ħlief għall-provvediment li ma għandhom jinħarġu ebda liċenzi ġodda għat-teħid qabel il-31 ta' Diċembru 2007, u minbarra wkoll il-paragrafu (ċ) tar-regolament 9 tar-regolamenti li jemendaw;

u iktar minn hekk bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu taħt il-paragrafu (d) tar-regolament 13 tar-regolamenti li jemendaw, l-istess Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent qed jistabbilixxi d-data tal-31 ta' Mejju, 2003 bħala d-data ordnata biex jiġu reġistrati għasafar ibbalzmati.